MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1898/2004

**George Farrugia, Philip Cassar, Aldo Catania, Louis Galea u David Sammut fil-kwalita` taghhom ta' President, Segretarju, Tezorier u membri rispettivament tal-Attard Athletics Club**
**vs**

**Robert Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00), u fejn intqal :**
**Illi l-konvenut kien membru tal-Attard Athletics Club u waqt li kien membru kien inghata ghajnuna finanzjarja mill-istess Club ta' mija u hamsa u tietin lira Maltin (Lm135) sabiex jikkompeti f'attivitajiet sportivi tal-atletika barra minn Malta.**
**Illi fil-laqgha generali annwali tal-Club mizmuma fid-29 ta' Awissu 2003 kien gie deciz u approvat illi min ma**

**jibqax membru tal-Club ikun irid jirrifondi lill-Club dik l-ghajnuna finanzjarja li tkun inghatat lilu sabiex jikkompeti f'attivitajiet sportivi tal-atletika barra minn Malta.**
**Illi l-konvenut wara ii nghata din l-ghajnuna finanzjarja ma baqax membru tal-imsemmi Club u ghalhekk is-somma ta' mija u hamsa u tietin lira Maltin (Lm135) issa trid tigi rifuza lill-atturi.**
**Illi wkoll il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi somma ohra ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) rapprezentanti *training kit* mghoddi mill-Club lill-konvenut.**
**Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-Club attur is-somma komplessiva ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145).**
**Illi l-konvenut minkejja li nterpellat biex ihallas dan l-ammont diversi drabi baqa' inadempjenti.**
**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:**
**1. Jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145) dovuti kif hawn fuq spjegat.**
**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal :**
**i. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont reklamat gie moghti lill-konvenut skond ftehim milhuq bejn il-partijiet, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**ii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' George Farrugia, Louis Galea, Philip Cassar, Robert Vella, Paul Fenech u John Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-atturi qed jitolbu li l-konvenut li kien membru tal-Attard Athletics Club li huma rapprezentanti**

**taghha, jirrifondi flus li l-istess Club hallsitu biex jikkompeti f'attivita' barra minn Malta, u dana peress li hu ma baqax membru tal-Club. Il-konvenut qed jghid li l-ammont moghti lilu kien skond ftehim.**

**2. L-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq decizjoni li ttiehdet mill-Laqgha Annwali Generali tal-Club li nzammet fid-19 ta' Awissu, 2003, Dok.B fejn intqal hekk :**

**« It was decided from all members present that every member who is given financial support from the club to compete abroad and even in Malta, he will have to pay back everything if he quits the club before the three years. »**

**3. Dina id-decizjoni tirrifletti decizjoni li kienet gja ittiehdet mill-Kumitat f'laqgha tal-Club tat-13 ta' Novembru, 2002, Dok.A, fejn intqal:**

**"All those who get an approval by the committee for financial support by the club is bound by the club that he <u>has to remain as a member</u> with the club for a minimum of three (3) years. Contrary to this, the member given the sponsor is bound to refund back all the money in full."**

**Dan japplika wkoll kemm-il darba l-membru jitlaq mill-kumitat jew jirrizenja minn membru, u anke jekk jigi sospiz mill-Club.**

**4. It-Tribunal jinnota li l-konvenut kien prezenti ghaz-zewg laqghat fuq imsemmija.**

**5. George Farrugia, President tal-Club, jghid li t-tlett snin imsemmija japplikaw minn meta jittiehed l-isponsorship u mhux minn meta ikun gie registrat bhala membru tal-Club. F'dan ir-rigward it-Tribunal hu tal-fehma li l-kliem tal-laqgha tat-13 ta' Novembru, 2002, ma jindikawx dan, u l-interpretazzjoni logika li ghandha tinghata lill-kliem kif imfassla hija li t-tlett snin fil-fatt japplikaw minn meta wiehed isir membru tal-Club. Taghmel sens fl-ambitu sportiv il-minuta kif mehuda, u ma kienetx tkun taghmel sens kieku wiehed jinterpretaha diversament.**

**6. Skond Farrugia, il-konvenut kien baghatlu sms fejn gharrfu li ser jispicca mill-Kumitat, u din ma gietx accettata. Farrugia nnota li r-rizenja ghandha tintbaghat lis-Segretarju tal-Club u tkun bil-miktub.**

**7. Farrugia jghid ukoll li l-konvenut kien qed jakkuzah li ried iqacctu mill-Club, u l-Kumitat iddecieda dwar l-agir tal-konvenut u ssospendih u ddecieda li dan jigi mkecci mill-Club. Jghid li fil-fatt il-konvenut gie mkecci mill-Club fl-4 ta' Marzu, 2004, u dana skond ma jirrizulta ukoll mid-Dok.GF3. Philip Cassar, Segretarju tal-Klabb xehed li Vella ma kienx aktar membru tal-Klabb sa minn Awissu, 2004. Pero` jekk wiehed jara dak li nkiteb fid-Dok.GF3, ma jistghux jibqghu wisq dubbju dwar id-data effettiva tat-terminazzjoni. Hemmhekk intqal hekk fost ohrajn:**
**"….il-kumitat iddecieda……..li inti tigi mkecci mill-klabb effettivament mid-data ta' din l-ittra, 4 ta' Marzu, 2004."**
**Dana ma jhalli ebda dubbju dwar id-data effettiva ta' meta l-konvenut ma giex meqjus izjed bhala membru tal-Club. Kien is-Segretarju stess li ffirma din l-ittra.**
**8. Wiehed irid jiddistingwi bejn meta l-konvenut spicca mill-Kumitat, li t-Tribunal qed jaccetta li kien fid-9 ta' Dicembru, 2003, u meta spicca mill-klabb li kien fl-4 ta' Marzu, 2004.**
**9. Jirrizulta li l-konvenut kien gie registrat bhala membru mal-klabb fit-22 ta' Frar, 2002, u din ghandha titqies bhala d-data effettiva ta' meta attwalment sar membru tal-klabb, u mhux kif qed jghid il-konvenut li allegatament sar membru f'Jannar 2001. Il-konvenut spicca minn mal-klabb fl-4 ta' Marzu, 2004. Ghalhekk l-konvenut kien ghadu f'dak it-terminu ta' tlett snin li jistpula li jirritorna l-beneficcji finanzjarji li jaghtih il-klabb.**
**10. Ghalhekk stabbilit dan, jibqa' biex jigi kunsidrat il-punt dwar jekk il-flus li ngabru, ingabrux bhala fondi tal-klabb jew f'isem l-atleti personali. Ghandu jinghad li kien hemm versjonijiet kontrastanti dwar dan.**
**11. Pero` s-sens jitlob, li meta atleta huwa registrat ma' klabb, u qed jiehu parti f'attivitajiet in konnessjoni ma dak li ghalih hu membru tal-klabb, il-fondi li jingabru sakemm ma jirrizultax xort'ohra ghandhom jitqiesu li qed jingabru mill-klabb biex tippromwovi l-atleti jew l-attivitajiet taghha. Tenut kont ta' dan it-Tribunal hu soddisfatt li l-flus fil-fatt ingabru ghall-**

**klabb. Ghalhekk il-mija u hamsa u erbghin lira (Lm145) fic-cirkostanzi ghandhom jigu rifuzi lill-klabb.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi fil-kwalitajiet taghhom premessi s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------